# Kunsill Lokali Mellieħa

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2015**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 3 |
| Il-Finanzi u l- Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 12 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 15 |
| Ir-Rapport tal-Uditur u l-'Financial Statements' | 17 |

L-2015 kienet t-tieni sena finanzjarja sħiħa fil-mandat tas-Seba' Kunsill. Matulha l-Kunsill wettaq numru ta' proġetti mfassla mill-Kunsill precedenti u dak attwali. Minħabba d-daqs ta' proġetti estensivi bħalma huwa r-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin, kif ukoll dak ta' Triq l-Armier, in-nefqa kienet affettwata xi ftit jew wisq minnhom. Minkejja dan, il-Kunsill baqa' għaddej bil-pjan ta' ħidma tiegħu u għalhekk rajna proġetti ġodda u eżiġenzi pjuttost ta' natura urġenti li ġew trattati. Minkejja li l-finanzjament meħtieġ mhux dejjem ikun disponibbli, il-Kunsill approfitta ruħu minn waqtiet ta' stennija biex introduċa proġetti ġodda, għamel il-konsultazzjoni meħtiega u ottjena l-permessi meħtieġa. Il-Kunsill kellu f'idejħ numru ta' permessi mill-MEPA, li jvarjaw minn restawr, titjib ta' postijiet eżistenti u oħrajn, li fis-sena koperta b'dan ir-rapport twettqu wħud minnhom.

Apparti li l-attività f'dawk li huma proġetti kapitali ġodda, il-ħidma kienet waħda kontinwa fir-rigward ta' sejħiet għall-offerti li jinvolvu s-servizzi illi obbligat li jirrendi l-Kunsill. B'konsultazzjoni mat-*Tender Adjudication Board,* ġew trattati tliet kuntratti li kienu jinvolvu s-Servizz tal-Ġbir tal-Iskart Organiku, ix-Xiri ta' *Play Equipment* ġdid għal Ġnien il-Qigħan, u l-Manutenzjoni u Żamma ta' Latrini Pubbliċi. Kien hemm oħrajn li jinvolvu spiża inqas li ġew trattati mill-Kunsill direttament. Dawn ta' l-aħħar kienu jikkonċernaw:

- L-installazzjoni ta' lanterni ornamentali fuq iż-żuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa,
- is-Servizz ta' *Accountant*,
- il-Provvista ta' Konkos u Tarmak, u
- Installazzjoni ta' Bieb Awtomatiku għall-Uffiċċju biex jiffaċilità l-aċċess għall-istess bini.

Il-mira ewlenija tal-Kunsill baqgħet li jżomm l-infrastruttura li taqa' fir-responsabilità tiegħu fl-aħjar stat possibbli, filwaqt li jtejjeb l-ambjent urban bi proġetti ta' tisbiħ, bħalma huma t-turġien li tant jispikkaw, partikularment fil-parti l-antika tal-Mellieħa.

Il-Kunsill jagħmel kull sforz biex jibbenefika minn fondi ġejjin mill-iskemi sabiex jimmassimizza d-dħul tiegħu u jżid il-proġetti li jista' jimplimenta. B'hekk ikun jista' jmur lill'hinn minn dak li tippermettu l-allokazzjoni annwali mill-Gvern Ċentrali li hija iktar imfassla fuq is-servizzi li statutorjament obbligat jirrendi l-Kunsill.

John Buttigieg
**Sindku**

**2.1 Il-Kunsill**

| **Il-Kunsillieri** | **Attendenza għal laqgħat** |
|---|---|
| Is-Sur John Buttigieg –-Sindku | 100% |
| Is-Sur Clayton Bartolo – Viċi Sindku | 100% |
| Is-Sur Joseph Attard | 96% |
| Is-Sur Emvin Bartolo | 96% |
| Is-Sinjura Annabelle Brincat Stellini | 96% |
| Is-Sur Patrick Cutajar | 89% |
| Is-Sur Hilary Fenech | 83% |
| Is-Sur Joseph Gauci | 100% |
| Is-Sur Dario Vella (Bejn Awwissu u Diċembru kien rikoverat fl-isptar) | 61% |

(Nota: Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill iltaqa' tmintax-il darba)

| **L-Impjegati** | |
|---|---|
| Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv | |
| Is-Sinjura Marica Azzopardi - Uffiċjal fi Skala 11 | |
| Is-Sinjura Marvic De Bono – Uffiċjal fi Skala 15 | |
| Is-Sinjura Yvonne Muscat – Uffiċjal fi Skala 15 | |
| Is-Sur Jonathan Micallef – Uffiċjal fi Skala 15 | Irriżenja b'effett mit-03/11/2016 |
| Is-Sur Christian Mifsud – Uffiċjal fi Skala 15 | B'effett mit-12/10/2016 |
| Is-Sur Stephen Borg | Uffiċjal Eżekuttiv issekondat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali |

Fil-bidu tal-mandat tas-Seba' Kunsill, fl-1 ta' April 2013, ġew assenjati r-reponsabilitajiet lill-Kunsillieri skont l-organigram li jidher aktar 'l isfel. Il-Kunsill ħalla wkoll ir-responsabilitajiet direttament f'idejn il-Kunsillieri ndividwali għalkemm, fejn ħass il-ħtieġa anke involva persuni 'l barra mill-Kunsill, bħal fil-każ tal-Kumitat li twaqqaf dwar l-għoti ta' onoreficenzi.

Biex ilaħħaq mal-esiġenzi amministrattivi li tinvolvi l-ħidma li dejjem qed tinfirex f'oqsma varji, b'effett minn April 2013, il-Kunsill beda jiffunzjoni bis-*set-up* li jidher hawn taħt:

Il-Kunsill

I

**Is-Sindku**

I

**Is-Sindku J. Buttigieg**

Finanzi, *Bye-Laws*, Koperazzjoni mal-GĦaqdiet, Sejħiet għall-Offerti, *Chairman Adjudication Board*, estimi u pjan ta' ħidma, *Contracts Manager,* Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, trattament tal-ilmenti, *Quality Service Charter*, proġetti kapitali, Grupp Azzjoni Majjistral, Park tal-Majjistral, Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar.

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

**Il-Viċi Sindku C. Bartolo**

Attivitajiet popolari, programmi tal-Unjoni Ewropea, informazzjoni u konsultazzjoni pubblika, fuljett tal-Kunsill, Jum il-Kunsill, relazzjoni mal-għaqdiet tal-lokalità, komunità ta' residenti barranin, membru sostitut fuq il-Kumitat Reġjonali, membru fuq it-*Tender Adjudication Board.*

I

I

I

**Uffiċjal fi Skala 11**

I

**Tliet Uffiċjali fi Skala 15**

I

**Il-Kunsillier J. Attard**

Ħarġiet kulturali għall-anzjani, żvilupp u assistenza soċjali, saħħa pubblika, persuni ta' terza età, persuni b'diżabilità, avvanz tal-mara, aċċessibiltà, parkeġġ speċjali, Dar tal-Anzjani, Ċentru ta' Matul il-Jum, Berġa, ċimiterji, miżuri ta' sigurtà, familja, tfal u *child care centre*.

**Uffiċjal issekondat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

I

***Contracts Manager*** fuq l-operazzjoni tal-Kunsill in ġenerali

I

**Sitt ħaddiema assenjati** mill-IPSL u mill-ETC

I

**Uffiċjal Awtorizzat** fuq materji li jinvolvu l-Infurzar tal-Liġi I

I

**Il-Kunsillier E. Bartolo**

Trasport pubbliku, *bus stops, bus shelters,* sinjali u tabelli tat-traffiku, *crash barriers*, parkeġġi u skemi ta' ipparkjar, immaniġġjar tat-traffiku, reklamar fuq għamara tat-toroq, *neighbourhood watch*, Pulizija u GĦassa tal-Pulizija, permessi u Gwardjani Lokali, delegat tal-Kunsill fuq il-Kumitat Reġjonali, infurzar tal-liġi, kordinazzjoni dwar il-Festa tal-Vitorja, u membru fuq it-*Tender Adjudication Board*

**Il-Kunsillier A. Brincat Sellini**

Programmi edukattivi, fora edukattivi, skola, sala tal-komunità, librerija pubblika, Fiera tal-Ktieb, korsijiet ta' tagħlim, ġemellaġġi, servizz ta' internet Wi-Fi; pubblikazzjoni Ħannieqa Kulturali, u attivitajiet kulturali

**Contract Manager** fuq il-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ

**Contract Manager** fuq Proġetti ta' *Road Resurfacing*

**Il-Kunsillier Patrick Cutajar**

Komunità kummerċjali, *self-employed*, garaxxijiet industrijali, turiżmu, tindif ta' bajjiet u l-kosta, aċċess u sigurtà fil-bajjiet, żoni għall-ikkampjar u caravans, proġetti nfrastrutturali ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

**Il-Kunsillier Hilary Fenech**

Relazzjonijiet internazzjonali u *Youth Programmes*, żgħażagħ, użu ta' faċilitajiet sportivi, avvenimenti sportivi u l-Animal Fest

**Il-Kunsillier Joseph Gauci**

Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Korporazzjoni Enemalta; GO plc, Melita Cable, tismija ta' toroq u numri tal-bibien, talbiet dwar devoluzzjoni, ġonna pubbliċi, *playing fields, belveders,* u tisbieħ tal-lokalità.

**Il-Kunsillier Dario Vella**

Trejqiet rurali, żoni ta' rikjrejazzjoni fil-kampanja ħitan tas-sejjieħ, imtieħen tar-riħ, ġiren, mollijiet, *slipways*, l-ambjent, afforestazzjoni, Proġett Foresta 2000, kampanji ta' tindif, tisbieħ ta' turġien, tindif ta' toroq mhux urbani, skart domestiku, skart goff, latrini pubbliċi, vetturi abbandunati, *bring-in sites*, ħarsien tal-annimali, Proġett tat-Tunnara, restawr ta' bini storiku, *Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ, enerġija alternattiva, xelters, mużew tal-għodda tal-biedja, sajd u snajja tradizzjonali.

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Bil-*committments* li daħal għalihom il-Kunsill fl-2012, in-nefqa fl-2013 u fl-2014 qabżet id-dħul għal dawk is-snin, kif jirriżulta mir-rapport ippubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Minkejja li l-istess rapport juri żbilanċ fil-*Comprehensive Income* għas-snin imsemmija, b'daqshekk ma jfissirx li l-finanzji tal-Kunsill kienu f'sitwazzjoni ta' *negative working capital,* għaliex kien hemm riżervi biex għamlu tajjeb għaliħ. S'intendi meta wieħed jara din it-tendenza m'għandux jagħlaq għajnejħ, u għaldaqstant, il-Kunsill aġixxa minnufiħ billi rreveda l-estimi tal-2015, u elimina xi nfieq li seta' jiġi pospost, filwaqt li ta priorità lil ċerti proġetti kapitali. Ġiet miftiehma skeda ta' kif ser jsiru l-ħlasijiet marbuta magħhom. Dan kollu, flimkien mal-kontroll fuq in-nefqa rikorrenti, l-2015 intemmet b'bilanċ pożittiv.

**<u>Titjib ta' Toroq</u>**

Fl-2011 daħal fis-seħħ *private public partnership* li jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd biex twettaq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Gvern Ċentrali ffinanzja 30% tal-ispiża totali, filwaqt li l-Kunsill qed jagħmel tajjeb għall-bqija permezz tal-fondi ordinarji tiegħu. Permezz ta' din is-sħubija, il-Kunsill qed jissellef somma flus li tintradd lura fuq medda ta' disa' snin. Il-proġett inqasam f'żewġ fażijiet li flimkien kienu jkopru l-parti bejn Triq Ta' Msid sal-Ponta tal-Aħrax. Minn tmiem l-2015 sas-sena 2020, il-Kunsill għad fadallu jgħaddi €124,875 lill-kuntrattur.

Fl-2015 twettaq proġett ieħor fil-programm dwar il-kisi mill-ġdid ta' toroq bit-tarmak bir-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin. Saru kuntatti mal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura bil-għan li jkun hemm kofinanzjament ta' dan il-proġett, li sfortunatament ma ħallewx frott. Triq Ramlet il-Qortin swiet lill-Kunsill iktar minn €280,000, liema spiża mistennija titħallas kollha sa Diċembru 2016. Saret il-kordinazzjoni meħtieġa biex fl-2016 titwettaq il-fażi li tinvolvi Triq il-Kaħli, Triq it-Tumbrell, Triq it-Tunnaġġ u Triq il-Klamari. Kien hemm kuntatti kemm mal-Ministeru tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura, kif ukoll ma' Transport Malta dwar l-asfaltar ta' Triq il-Qortin li kienet part mill-kawża dwar it-toroq ta' Santa Marija Estate.

**<u>Dwal tat-Toroq</u>**

Tqiegħdu 'l fuq minn kilometru u nofs ta' *ducts* fil-bankini sabiex minnhom jgħaddu l-*cables* fil-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna, matul ix-Xatt ta' Santa Marija kollu, u fi Triq il-

Qasab. Ittieħdet l-opportunità biex l-bankini affettwati ngħataw wiċċ ġdid, filwaqt li fin-naħa ta' ġewwa tax-Xatt ta' Santa Marija saret bankina għall-ewwel darba. Dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-Fond għat-Titjib Urban, amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**Żvilupp ta' Postijiet ta' Rikrejazzjoni**

Wara li fl-2012 saret installazzjoni ġdida tal-elettriku fi Ġnien il-Qigħan, fis-sena li għaddiet twaħħlu dwal ġodda, peress li dawk li kien hemm ddeterjoraw, tant li ssaddu u spiss il-post kien jispiċċa fid-dlam. Fl-aħħar rapport li sar mill-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur dawn ikkummentaw fuq is-siġurtà tal-*play equipment* f'dan il-post u fil-fatt ittieħdet deċiżjoni sabiex tneħħiet iż-żurżieqa u s-*see saw*. Saret sejħa għall-offerti bil-għan li minflokom isir *play house u bandli* bis-*safety carpet* madwarhom, skont l-i*standards* stabbiliti mill-imsemmija awtorità. Din l-inizjattiva twaqqfet peress li sar appell mid-deċiżjoni li ħa l-Kunsill rigward l-istess sejħa.

**Xogħlijiet ta' titjib fiċ-Ċentru Storiku**

Biex jikkumplimenta x-xogħlijiet li saru fuq il-Belvedere tas-Sur, il-Kunsill għaddej b'kuntatti mal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura bil-għan li jiġi ffinanzjat il-bdil tal-pavimentar eżistenti tal-istess zuntier ma' ieħor tal-qawwi. Il-kunsill ġie mwiegħed li dan ix-xogħol jitwettaq fl-2017.

**L-Uffiċċju Amministrattiv**

Id-daħla ewlenija għall-uffiċċju amministrattiv ġiet imtejba bl-installazzjoni ta' bieb awtomatiku, bil-għan li jiffaċilità l-aċċessibilità.

**Il-Manikata**

Fid-dawl ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-Manikata jidher li hemm iktar interess fit-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa, milli f'parkeġġ taħtu. Il-Pjan Lokali li fuqu timxi l-Awtorità tal-Ippjanar, jipprovdi li kemm-il darba jsir tisbiħ tal-misraħ, dan irid jinbidel f'żona pedonali. Għalhekk, jeħtieġ li jinstab post alternattiv għall-parkeġġ, possibilment fuq l-art li hemm bejn il-knisja u Triq ir-Raded, jew biswit Triq il-Mellieħa, faċċata tat-triq il-ġdida. Fid-dawl ta' dan, l-applikazzjoni għall-parkeġġ taħt l-misraħ ġiet irtirata, filwaqt li saret *planning control application* sabiex titneħħa l-kantuniera perikoluża li hemm fit-triq il-ġdida biswit il-misraħ, kif ukoll tiġi spussjata l-junction ma' Triq Dun Manwel Grima biex tiżbokka eżatt bi dritt Triq il-Knisja il-Qadima. Il-Kunsill qed jieħu din l-inizjattiva sabiex jiffaċilità il-proċess u hekk Transport Malta tkun tista' tagħmel it-tibdil meħtieġ fl-iqsar żmien possibbli bil-għan

li it-triq il-ġdida tattira aktar traffiku bla periklu. B'dan il-mod il-misraħ ikun jista' jingħalaq b'mod permanenti, jew meta jkun hemm il-ħtieġa.

Preokkupazzjoni oħra tat-traffiku hija Triq il-Manikata, li qatt ma kienet maħsuba biex tieħu volum kbir daqshekk ta' traffiku li ġie esperjenzat fl-aħħar snin. Fil-kuntatti li għaddejjin ma' Transport Malta, il-Kunsill qed jisħaqq fuq soluzzjonijiet *short term* u *long term*, ossija li titwessa' Triq il-Manikata, bejn Triq il-Wilġa u Triq il-Biedja, u li jitkompla l-proġett tal-*bypass* tal-Manikata li jrid jitwettaq minn fondi Ewropej bħala parti mill-programm tat-*Trans-European Transport Network*.

**L-Iskola Primarja**

Il-kontibut tal-Kunsill ma naqasx f'dak li huwa attrezzar tas-sala, hekk li fl-2015, il-Kunsill iffinanzja l-bdil tas-sistema tal-*audio* u l-*cabling* kollu marbut magħhha.

***Bye-laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ**

Il-proċess ta' konsultazzjoni fuq aġġornament tal-*bye-laws* dwar l-ikkampjar, tqegħid ta' *caravans* u *campers*, u tisjir fil-beraħ (*barbecues*), introdotti fl-2009, ma kienx faċli daqs kemm wieħed jaħseb, għaliex jeħtieġ li jinstab bilanċ fis-sens li wieħed għandu jitħalla jirrikreja ruħu mingħajr ħafna restrizzjonijiet u spejjeż żejda, filwaqt li jrid ikun hemm kontroll fuq dak li jiġri permezz ta' infurzar konsistenti.

**Il-Qasam Sportiv**

Ingħata kontribut fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet sportivi, bħalma hija l-Maratona tal-Atletika, fil-kompetizzjonijiet ta' sparar fuq il-plattini, il-*penalty shoot-out*, il-*league* li jsir qabel jiftaħ l-istaġun tal-futbol eċċ. Reġa' ġie organizzat it-*tournaments* tas-*Snooker* u l-*American Pool.* Sar arranġament sabiex għaqdiet sportivi bbażati fil-lokalità ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet sportivi fil-Park tal-Familja, fejn qed jintalab ħlas biss fejn ikun meħtieġ is-servizz tal-kustodju barra mill-ħinijiet normali tiegħu. Dan l-arranġament ġie estiż ukoll għal SportsMalta li jużaw il-faċilitajiet tal-Park għal diversi dixxiplini. Għal ftit jiem iżżarma l-apparat kollu tal-*open air gym* biex saret manutenzjoni fuqu bil-għajnuna ta' ħaddiema pprovduti minn SportsMalta.

**Attivitajiet Kulturali u Oħrajn**

Delegazzjoni minn Aquaviva delle Fonti ħadet sehem f'Jum il-Kunsill u fl-Iljieli Melleħin fl-Lulju 2015. F'Settembru, fuq stedina tal-Comune di Aquaviva delle Fonti, li jinsab fir-reġjun

tal-Puglia fl-Italja, il-Banda Imperial ħadet sehem f'numru ta' attivitajiet fl-istess lokalità u f'oħrajn tal-qrib. Għalkemm mhux fuq bażi ta' ġemellaġġ formali, ġew stabbiliti kuntatti tajbin ma' lokalitajiet oħra ewropej, fosthom dawk ta' Cugir fir-Rumanija u Casalborgone fl-Italja.

Fit-30 ta' Lulju ġie mfakkar Jum il-Kunsill bl-attività ewlenija kienet l-għoti ta' l-onorefiċenza Ġieħ il-Mellieħa lill-persuna waħda, filwaqt li żewġ persuni, u għaqda volontarja, ingħataw l-unur ta' Rikonoxximent il-Mellieħa. Għall-ewwel darba ġie ntrodott "Apprezzament il-Mellieħa". L-unuri kienu jvarjaw minn: Sports, filantropija, u l-letteratura. Il-ħmistax-il edizzjoni preċedenti seħħew kollha fix-xhur tax-xitwa, iżda minħabba l-interess li jqajjem dan l-avveniment, is-serata ta' Jum il-Kunsill 2015 żvolġiet fil-Bitħa tas-Santwarju taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċ Tagħha Marie Louise Coleiro. Il-trasferiment tad-data u l-bdil tal-post jidher li ħalla riżultati pożittivi għaliex kien hemm attendenza aktar mis-soltu għal dan l-avveniment.

Ittellgħu attivitajiet li issa daħlu fil-kalendarju tal-Kunsill, bħalma Jum l-Omm, permezz ta' attività li seħħet f'Mejju fis-Sala Professur Godfrey Wettinger, kif ukoll dik tal-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, f'Ġunju. Għat-tielet sena konsekuttiva, kull nhar ta' Ġimgħa matul ix-xaħar ta' Lulju, reġgħet ittellgħet l-inizjattiva "L-Arti fil-Misraħ" fejn din is-sena daħlu artisti u artiġġjani ġodda flimkien ma' dawk li pparteċipaw fis-sena preċedenti. Ġew organizzati disa' ħarġiet kulturali, li dejjem kien hemm konkorrenza numeruża għalihom.

Fl-aħħar sentejn bdew jiġu organizzati attivitajiet separati qabel il-Milied għall-anzjani u t-tfal kollha tal-lokalità. Il-Kunsill esperimenta xi ftit bl-attivitajiet tiegħu marbuta max-xahar ta' Diċembru 2015, kemm f'dak li huwa kontenut, kif ukoll bħala post. Għall-ewwel darba dawn l-attivitajiet saru f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu, fejn għal tliet ijiem intrama villaġġ tal-Milied u ttellgħa spettaklu ta' kant u mużika minn artisti rinomati.

**Finanzjament ta' Inizjattivi mill-Unjoni Ewropea**

F'Marzu il-Kunsill kien parteċipi fi proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Associazione Turistica Pro Loco ta' Uri f'Sardinja. Il-proġett kien iġib l-isem *Town Twinning for Rural Development – A Great Opportunity for EU Citizens*. L-imsieħba l-oħra

kienu mill-Italja, ir-Rumanija; il-Latvja, u Spanja. Il-proġett kellu baġit ta' €18,000 u kien ffinanzjat taħt il-programm *Europe for Citizens*. Dan kien jinvolvi tletin persuna li kienu ġejjin mill-qasam tal-agrikoltura u l-gastronomija, fil-parti l-kbira mill-Mellieħa.

**Ġbir tal-Iskart**

F'nofs l-2015 beda jaħdem il-kuntratt il-ġdid dwar il-ġbir tal-iskart imħallat. Permezz tal-kuntratt il-ġdid issaħħaħ is-servizz f'Tas-Sellum u Ta' Gerbulin matul ix-xhur tas-Sajf biex jinkludi l-Ħdud. Skont statistika miżmuma mill-WasteServ (Malta) Ltd, il-Mellieħa kienet l-iktar lokalità li sseparat skart, ras għal ras fl-2015, minn fost dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom is-servizz provdut minn Green MT Ltd. Beda wkoll is-servizz tal-ġbir tal-ħġieġ bieb bieb kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

**L-Edukazzjoni**

Il-Kunsill, bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali daħal fl-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, li permezz tagħha sar kors fil-lingwa Maltija għall-Barranin. Flimkien mad-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard ingħataw korsijiet tal-*aerobics*. Il-Kunsill issussidja korsijiet fl-użu tal-kompjuter għal nies ta' etajiet varji, żfin u żumba. Kien hemm ukoll kors bit-tema "L-Għaqal fid-Dar – Ħajja Aħjar" li ngħata minn għalliema tal-*home economics* ipprovduti mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali.

**Servizzi fil-Komunità**

Il-Kunsill huwa mpenjat fit-tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, kif ukoll fin-*Night Shelter* li jinsabu f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill kompla jagħmel tajjeb għas-servizz ta' tindif tal-aperturi taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Iġġedded il-ftehim li kien sar ma' SportsMalta u mas-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, sabiex setgħu tkomplew is-sessjoni tal-*keep fit* li saru darbtejn fil-ġimgħa għal anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Il-Kunsill iffinanzja wkoll servizz ta' *minibus* għall-ġarr tal-anzjani minn djarhom għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u lura.

Barra minn dan il-Kunsill ikkordina l-għoti ta' injezzjonijiet tal-influwenza lill-persuni li għandhom 'il fuq minn 55 sena. Ibbenefikaw minn dan is-servizz 769 persuna, li 86 minnhom kienu *bedridden*.

Il-Kunsill kompla joffri l-faċilitajiet meħtieġa fl-uffiċċju tiegħu biex jingħata servizz mill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kull nhar ta' Ġimgħa filwaqt kull nhar ta' Ħamis jattendi uffiċjal mid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani biex ir-residenti jinqdew mill-Mellieħa stess.

Kien hemm ukoll diversi kuntatti ma' uffiċjali mid-Dipartiment tal-Kura Primarja dwar iż-żamma u l-manutenzjoni tal-berġa, iżda din ir-responsabilità ma' ġietx aċċettata mill-Kunsill minħabba fin-nuqqas tal-finanzjament meħtieġ li jirrendiha sostenibbli. F'Diċembru li għadda tkomplew il-kuntatti mad-diriġenti ewlenin tad-Dipartiment imsemmi, fejn ingħatat garanzija, li rrispettivament isseħħx id-devoluzzjoni jew le, xorta waħda ser isir it-titjib meħtieġ fil-berġa.

**Il-Qasam Letterarju**

Fid-9 ta' Ottubru, il-Kunsill tellgħa għall-ewwel darba serata mużiko-letterarja fis-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Il-programm ta' din l-attività kien jinkludi t-tħabbir tar-rebbieħ fil-kompetizzjoni ta' poeżija għat-tfal, kif ukoll inqraw poeżiji ta' awturi Melleħin.

Il-Kunsill kien strumentali fil-pubblikazzjoni tal-antoloġija mill-kittieba Melleħija Maria Grima. Bdew it-tħejjijiet ħalli tiġi ppubblikata antoloġija tal-awtur Mellieħi – Anthony Fenech. Dan ix-xogħol itratta poeżiji b'tema Melleħija.

Għar-raba' sena konsekuttiva, il-Kunsill ħa sehem fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb li saret bejn l-4 u t-8 ta' Novembru. Dan l-avveniment jitqies bħala pjattaforma għal awturi Melleħin biex jesponu x-xogħlijiet tagħhom. Din l-opportunità tingħata mill-Kunsill lil kull min jitlobha u għalhekk mhux neċessarjament lil dawk li l-pubblikazzjoni tagħhom tkun saret mill-Kunsill.

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | b | a+b | c | d | (a+b)-d/d-(a+b) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2015 ATTWALI JAN-DIC €** | **2015 MARBUTA JAN-DIC €** | **2015 TOTAL JAN-DIC €** | **2014 TOTAL €** | **2015 ESTIMI JAN-DIC €** | **VARJANZA MA' L-ESTIMI €** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,437,015.00 | 0.00 | 1,437,015.00 | 1,189,929.00 | 1,170,160.00 | 266,855.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 14,504.00 | 0.00 | 14,504.00 | 23,818.00 | 12,000.00 | 2,504.00 |
| 0090 | L-Investiment | 3,470.00 | 0.00 | 3,470.00 | 7,228.00 | 9,000.00 | (5,530.00) |
| 0100 | Ġenerali | 41,123.00 | 0.00 | 41,123.00 | 80,626.00 | 24,500.00 | 16,623.00 |
| | **TOTAL** | **1,496,112.00** | **0.00** | **1,496,112.00** | **1,301,601.00** | **1,215,660.00** | **280,452.00** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 134,576.00 | 0.00 | 134,576.00 | 126,365.00 | 132,724.36 | (1,851.64) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 678,998.00 | 0.00 | 678,998.00 | 792,831.00 | 780,064.31 | 101,066.31 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 313,111.00 | 0.00 | 313,111.00 | 697,187.00 | 566,000.00 | 252,889.00 |
| | **TOTAL** | **1,126,685.00** | **0.00** | **1,126,685.00** | **1,616,383.00** | **1,478,788.67** | **352,103.67** |
| | **Bilanċ** | **369,427.00** | **0.00** | **369,427.00** | **(314,782.00)** | **(263,128.67)** | **(71,651.67)** |

Noti:

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| | | a | | b | a+b | c | d | (a+b)-d |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2015 ATTWALI JAN-DIC €** | | **2015 MARBUTA JAN-DIC €** | **2015 TOTAL JAN-DIC €** | **2014 TOTAL €** | **2015 ESTIMI JAN-DIC €** | **VARJANZA MA' L-ESTIMI €** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,044,287.00 | | | 1,044,287.00 | 1,009,987.00 | 1,044,287.00 | 0.00 |
| 0002 | Supplimentari Bżonnijiet | 92,606.00 | | | 92,606.00 | 27,195.00 | 0.00 | 92,606.00 |
| 0003 | Speċjali Delegazzjonijiet | 0.00 | | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Publiċi/Governattivi | 7,317.00 | | | 7,317.00 | 34,759.00 | 0.00 | 7,317.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 292,805.00 | | | 292,805.00 | 117,988.00 | 125,873.00 | 166,932.00 |
| | | **1,437,015.00** | | **0.00** | **1,437,015.00** | **1,189,929.00** | **1,170,160.00** | **266,855.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 5,504.00 | | | 5,504.00 | 7,064.00 | 3,900.00 | 1,604.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 9,000.00 | | | 9,000.00 | 7,083.00 | 5,800.00 | 3,200.00 |
| 0056 | GĦotjiet Sponsorjali | 0.00 | | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 0.00 | | | 0.00 | 0.00 | 2,300.00 | (2,300.00) |
| 0070 | Fondi tal-Unjoni Ewropea | 0.00 | | | 0.00 | 9,671.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **14,504.00** | | **0.00** | **14,504.00** | **23,818.00** | **12,000.00** | **2,504.00** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 3,470.00 | | | 3,470.00 | 7,228.00 | 9,000.00 | (5,530.00) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | 0.00 | | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **3,470.00** | | **0.00** | **3,470.00** | **7,228.00** | **9,000.00** | **(5,530.00)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 39,468.00 | | | 39,468.00 | 79,332.00 | 24,500.00 | 14,968.00 |
| 0141 | Insurance Claims | 1,655.00 | | | 1655.00 | 1,294.00 | 0.00 | 1,655.00 |
| | | **41,123.00** | | **-** | **41,123.00** | **80,626.00** | **24,500.00** | **16,623.00** |
| | **TOTAL** | **1,496,112.00** | | **0.00** | **1,496,112.00** | **1,301,601.00** | **1,215,660.00** | **280,452.00** |

**Noti:**

## 4.3. L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettal

| | | a | b | a+b | c | d | d-(a+b) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2015 ATTWALI JAN-DIC € | 2015 MARBUTA JAN-DIC € | 2015 TOTAL JAN-DIC € | 2014 TOTAL € | 2015 ESTIMI JAN-DIC € | VARJANZA MA' L-ESTIMI € |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 10,573.00 | | 10,573.00 | 10,302.00 | 10,572.50 | (0.50) |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 92,268.00 | | 92,268.00 | 85,059.00 | 90,129.67 | (2,138.33) |
| 1300 | Bonus | 8,077.00 | | 8,077.00 | 7,715.00 | 7,914.55 | (162.45) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.00 | | 1,211.00 | 1,211.00 | 1,211.31 | 0.31 |
| 1500 | Kontribuzzjonijçt tas-Sigurtà Soċjali | 8,163.00 | | 8,163.00 | 7,708.00 | 7,808.84 | (354.16) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 1,908.00 | | 1,908.00 | 1,861.00 | 1,861.00 | (47.00) |
| 1700 | Sahra | 1,176.00 | | 1,176.00 | 1,309.00 | 2,026.49 | 850.49 |
| 1800 | L-Onorarju tal-Kunsillieri | 11,200.00 | | 11,200.00 | 11,200.00 | 11,200.00 | 0.00 |
| | | **134,576.00** | **0.00** | **134,576.00** | **126,365.00** | **132,724.36** | **(1,851.64)** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/iEura/tel. etc.) | 22,982.00 | | 22,982.00 | 27,685.00 | 29,678.00 | 6,696.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 3,998.00 | | 3,998.00 | 5,162.00 | 4,750.00 | 752.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 102,447.00 | | 102,447.00 | 155,113.00 | 150,000.00 | 47,553.00 |
| 2400 | Kera | 4,048.00 | | 4,048.00 | 4,232.00 | 4,249.00 | 201.00 |
| 2500 | Sħubija f'GĦaqdiet Inter/nazzjonali | 640.00 | | 640.00 | 922.00 | 1,400.00 | 760.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 2,883.00 | | 2,883.00 | 6,153.00 | 7,800.00 | 4,917.00 |
| 2700 | Trasport | 2,680.00 | | 2,680.00 | 2,414.00 | 3,650.00 | 970.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 819.00 | | 819.00 | 5,482.00 | 5,800.00 | 4,981.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 8,080.00 | | 8,080.00 | 10,930.00 | 15,544.00 | 7,464.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 385,131.00 | | 385,131.00 | 387,543.00 | 371,150.00 | (13,981.00) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 14,876.00 | | 14,876.00 | 18,447.00 | 31,000.00 | 16,124.00 |
| 3200 | Taħriġ | 3,850.00 | | 3,850.00 | 2,430.00 | 6,500.00 | 2,650.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 116,861.00 | | 116,861.00 | 126,371.00 | 128,429.00 | 11,568.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 3,985.00 | | 3,985.00 | 4,796.00 | 4,200.00 | 215.00 |
| 3600 | LES Spejjez tal-Infurzar Lokali | 178.00 | | 178.00 | 98.00 | 250.00 | 72.00 |
| 3700 | Progetti tal-Unjoni Ewropea | 4,372.00 | | 4,372.00 | 34,120.00 | 0.00 | (4,372.00) |
| 3800 | Gemellaggi | 1,168.00 | | 1,168.00 | 933.00 | 15,664.31 | 14,496.31 |
| | | **678,998.00** | **0.00** | **678,998.00** | **792,831.00** | **780,064.31** | **101,066.31** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | 0.00 | | - | 0.00 | 0.00 | - |
| 7100 | Bini | 0.00 | | - | 0.00 | 0.00 | - |
| 7200 | Titjib | 7,397.00 | | 7,397.00 | 103,119.00 | 150,000.00 | 142,603.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 1,827.00 | | 1,827.00 | 4,841.00 | 6,500.00 | 4,673.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 303,887.00 | | 303,887.00 | 589,227.00 | 409,500.00 | 105,613.00 |
| | | **313,111.00** | **0.00** | **313,111.00** | **697,187.00** | **566,000.00** | **252,889.00** |
| | **TOTAL** | **1,126,685.00** | **0.00** | **1,126,685.00** | **1,616,383.00** | **1,478,788.67** | **352,103.67** |

## 6.1 HSBC Bank Savings Account

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **126,380.06** |
| Plus deposits made by 31/12/15 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **126,380.06** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **126,380.06** |
| Plus interest paid by 31/12/15 | € | - |
| Less charges paid by31/12/15 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **126,380.06** |

## 6.2 HSBC Bank Current Account

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **1,164.69** |
| Plus deposits made by 31/12/15 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | 60,107.31 |
| **Net bank balance** | **-€** | **58,942.62** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **-€** | **58,942.62** |
| Plus interest paid by 31/12/15 | € | - |
| Less charges paid by31/12/15 | € | - |
| **Net bank book balance** | **-€** | **58,942.62** |

## 6.3 HSBC Bank Fixed Term Account - 3 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
| Plus deposits made by 31/12/15 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
| Plus interest paid by 31/12/15 | € | - |
| Less charges paid by31/12/15 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **58,234.34** |

## 6.4 HSBC Bank Fixed Term Account - 6 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
| Plus deposits made by 31/12/15 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
| Plus interest paid by 31/12/15 | € | - |
| Less charges paid by31/12/15 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **174,703.00** |

## 6.5 BOV Savings Account

| **Bank statement balance** | **€** | **95,536.24** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/15 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **95,536.24** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **95,536.24** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/15 | | |
| Less charges paid by31/12/15 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **95,536.24** |

## 6.6 BOV Current Account

| **Bank statement balance** | **€** | **12.23** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/15 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | 53,884.38 |
| **Net bank balance** | **-€** | **53,872.15** |

| **Bank book balance as of** | **-€** | **53,872.15** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/15 | € | - |
| Less charges paid by31/12/15 | € | - |
| **Net bank book balance** | **-€** | **53,872.15** |

## 6.9 BOV Bank Fixed Term Account - 3 Months

| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/15 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/15 | € | - |
| Less charges paid by31/12/15 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **58,234.34** |

## 6.10 BOV Bank Fixed Term Account - 6 Months

| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
|---|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/15 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
|---|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/15 | € | - |
| Less charges paid by31/12/15 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **174,703.00** |

Total net balance **€574,976.21**

______________________________ Carmel Debono – **Segretarju Eżekuttiv**

**Rapport Annwali tal-Uditur – Sena Finanzjarja 2015**

Idħol għaliħ permezz tal-link:

http://lc.gov.mt/mediacenter/PDFs/1_Financial%20Statement_2015_Audited.pdf